Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 157/18**
Il-Lussemburgu, 17 ta' Ottubru 2018

Stampa u Informazzjoni

# L-applikazzjoni "e-Curia" ser issir il-mod esklużiv għall-iskambju ta' dokumenti legali bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-Qorti Ġenerali b'effett mill-1 ta' Diċembru 2018

*Dan l-iżvilupp huwa maħsub sabiex jinstilet l-ikbar benefiċċju possibbli min-natura immedjata tal-komunikazzjonijiet diġitalizzati u sabiex tittejjeb bl-aħjar mod possibbli l-ġestjoni tal-kawżi*

L-applikazzjoni informatika "e-Curia", użata kemm mill-Qorti tal-Ġustizzja u kemm mill-Qorti Ġenerali, tippermetti l-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali b'mod elettroniku.

Minn meta beda jintuża f'Novembru 2011, dan il-mod ta' trażmissjoni kellu suċċess notevoli, kif jixhdu n-numru dejjem jikber ta' persuni li għandhom kont ta' aċċess (attwalment 4 230) u ż-żieda fil-perċentwali tal-preżentati mwettqa permezz ta' e-Curia (83 % fl-2017, quddiem il-Qorti Ġenerali).

Il-kummenti pożittivi mogħtija mill-utenti (avukati u aġenti), il-benefiċċji misluta min-natura immedjata tal-iskambji b'mod elettroniku u l-vantaġġi f'termini ta' effettività li jirriżultaw mill-fatt li ma humiex ser jibqgħu jiġu ġestiti formati differenti (dokumenti stampati u diġitalizzati) wasslu lill-Qorti Ġenerali tkompli bil-proċess ta' diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tagħha.

Il-ħtieġa li dan l-iżvilupp isir f'kuntest legali wasslet lill-Qorti Ġenerali tadotta, fil-11 ta' Lulju 2018, emendi għar-Regoli tal-Proċedura tagħha u deċiżjoni ġdida dwar il-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali permezz ta' e-Curia.

Dawn l-emendi u din id-deċiżjoni, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-25 ta' Settembru 2018[1], ser jagħmlu e-Curia l-uniku mod ta' skambju bejn il-partijiet u l-Qorti Ġenerali b'effett mill-1 ta' Diċembru 2018. Dan l-iżvilupp jikkonċerna lill-partijiet kollha (rikorrenti, konvenuti u intervenjenti) u t-tipi ta' proċeduri kollha, inklużi l-proċeduri b'urġenza, filwaqt li jipprevedi ċerti eċċezzjonijiet bil-għan li jiġi osservat il-prinċipju ta' aċċess għall-qorti (b'mod partikolari fil-każ li l-użu ta' e-Curia jirriżulta teknikament impossibbli jew fil-każ li tintalab għajnuna legali minn persuna li ma tkunx irrappreżentata minn avukat).

Fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-iżvilupp fil-futur qarib, l-avukati u l-aġenti li għadhom ma għandhomx kont ta' aċċess għal e-Curia huma mistiedna jitolbu l-ħolqien ta' kont ta' aċċess permezz tal-formola ta' talba għal aċċess. L-informazzjoni dwar e-Curia tinsab fis-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (http://curia.europa.eu/jcms/jcms/P_78957).

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: ☎ (+352) 4303 3355*

[1] Emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 dwar il-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia (ĠUUE 2018, L 240, p. 68 u p. 72)